hemm t-tiddin tas-serduk jidħol bħal xewka bi skoss wara l-ieħor ixoqqlok qalbek, ifakkrek fl-imgħoddi. Il-mewġ tan-niket jofrogħ u jitliegħeb mal-mewġ tad-dwejjaq, ilfiqa tilħaq oħra, tingħafas qalbek. tħoss għoqda tielgħa tagħfas, tagħfas fi griezmek li titfis-ser bi dmugħ iżda mhux bi kliem. Il-mewt taħsad bla ħniena u minn fejn tgħaddi tħalli baħħ li ma jistax jimtela, tħalli telf li ma jistax jerġa' jinkiseb. Tista' tkun it-telfa ta' omm misruqa wisq kmieni minn ħdan uliedha, jew it-telfa ta' missier li jħalli familja abbandunata fil-għaks u fil-faqar. Tista' tkun mara misruqa minn ħdan żewġha fl-ewwel jiem tal-għaqda hienja tagħhom, jew xbejba maħfuna minn ġod-dirgħajn mimlija ħerqa ta' l-imħabba tal-għarus tagħha. Għal dawk l-imsejkna t-tiddin tas-serduk ma jġibx ħlief ħsebijiet imnikkta ta' dak li għalih għalxejn jixtiequ, għalxejn jitniehdu. Iżda s-serduk jidden b'għajnejh magħluqa, qalbu tħabbat għax għandha tħabbat, imma ma tħossx, u l-imħab-ba għalih ma tfisser xejn. Huwa bħal dak il-paljaċċu li mistur b'rix li jlellex, igħanni b'qalb maqsuma biex jaqsam lil tagħna u jisirqilna l-faraġ bid-dwejjaq tiegħu.

Iżda hemm oħrajn bil-bosta iżjed imsejkna minn dawn, hemm oħrajn li t-tiddin tas-serduk idoqqilhom l-agunija. Minn wara l-grada magħluqa tal-ħabs, l-ikkundannat musfar u ħiemed jistenna biex itellgħuh fuq il-patibolu, l-ispjuni, minn wara bibien imsakkra, imċaħħda minn kull faraġ, jistennew mibluha l-ew-wel żerniq tas-sebħ. Eroj innoċenti fil-gwerer ta' l-imgħoddi u tal-lum taħt l-amar li jiġu mneħħija mas-sebħ kollha jistennew is-siegħa li minnha ma jstgħux jeħilsu. Min jista' jgħid xin-numa l-aħħar ħsebijiet tagħhom, min jista' jfisser it-tferfir ta' qalb waqt li l-mewt toqrob lejhom bil-qajla, wisq iżjed bil-qajla milli huma jixtiequ. Is-serduk jidden u dik l-għajta tinżel fi qlub-hom biex tisraqhom mill-aħħar xaqq ta' tama. Eluf ta' bnedmin : ħabsin, qattiela, eroj u martri messithom l-istess xorti. Naraw il-kbir Dun Mikiel Xerri, għelm ta' qlubija Maltija, jistabat mejjet f'Misraħ il-Libertà, fi żmien il-ħakma kiefra tal-Franċiżi f'Malta. Tfeġġ quddiem għajnejna, fil-Gwerra l-Kbira, il-qalbiena Edith Cavell, li b'ħajjitha fdiet bosta oħrajn mill-ħakma ħarxa tal-Ġer-manja. Fir-Rivoluzzjoni Franċiża l-Giljottina telgħet u niżlet bla hedu u x-xafra, tilma fix-xemx ħamra bid-demm, mitluqa b'ven-detta bla xaba' dejjem kienet issib l-irjus nobbli ta' nisa u tfal biex jilqgħu d-daqqa tal-mewt. Fil-paġni ta' l-Istorja dejjem nil-



taqgħu ma' bnedmin qegħdin jistennew li ddoqqilhom is-siegħa, jistennew li jidden is-serduk.

U fost dawn il-paġni tal-ħajja li jriegħxu u jisiltu l-qalb, aħna naraw is-serduk jidden fl-ikbar traġedja ta' niket li qatt issem-miet fl-istorja. Il-karfa kienet miġmugħa madwar il-kolonni u l-balavostri ta' bitħa wiesgħa miftuħa beraħ biex tilqa' x-xemx u x-xita. Id-dlamijiet tal-lejl kienu jostru d-dinja f'mant mis-terjuż ta' niket u dwejjaq fuq ġrajja li għandha tgħaddi, iżda li tibża' tintemm. Ħuġġieġa kienet qiegħda taqbad taħt il-portiku, ilsna ta' nar ifeġġu jitliegħbu ma' dħaħen tqal li fis-swied tagħ-hom jisbqu l-istess dalma tal-lejl, daqqa jdawlu wċuh mdgħagħda u daqqa jitfgħu dellijiet imriegħda mal-ħitan u mal-kolonnar. Ġemgħa nies mirżuħa bil-kesħa tal-lejl, kienet miġbura mad-dawra tissaħħan. Hu kien jinsab ġo nofs dik il-karfa, marbut bil-ktajjen bħal qattiel mill-agħar, imsawwat, imbenġel u mżeblaħ bi kliem l-iżjed faħxi, id-demm nieżel iġelben ma' wiċċ imbiċċer, mitluq waħdu, bla ebda ħabib. Wieħed biss mexa wrajh, iżda huwa wkoll żamm il bogħod minnu fost dik il-ġemgħa madwar il-ħuġġieġa "u għamel ta' bir-ruħu li ma jafux." Waħda mill-karfa xlietu bħala dixxiplu ta' Ġesù Nazzarenu. Il-għajnejn kollha, itajru nirien ta' qilla u ta' mibegħda, daru fuq Pietru, l-uċuh kollha, imqarrsa u mdgħadgħa, daru fuq id-dixxiplu ġwejjed ta' Kristu. Il-mara, b'daħka mimlija ħjiena, firxet subgħajha lejn is-sajjied ta' l-erwieħ. Ġesù wkoll, mimli ħlewwa, dawwar wiċċu flaġellat u mtertaq bid-daqqiet u bħal wieħed li jixtieq xi ħaġa bil-ħerqa, tefa' għajnejh, mirfuda mix-xewk u mtappna bid-dmugħ u d-dmija fuq dak li f'idejh kien reħa l-merħla tiegħu.

Huwa, mitluq f'idejn il-manigoldi, kellu bżonn ta' ħabib, iżda Pietru ċaħdu u *idden, idden is-serduk*.

---

## "IL-QAWMIEN MALTI"

Patri Lettur Leonardu Zammit, O.F.M., Kunvent ta' Ġieżu, Rabat, Malta, laqa' li jkun ir-rappreżentant ta' "Il-Qawmien Malti" f'Malta.

Lill-Patri Zammit ingħatat is-setgħa li jirrappreżenta din ix-Xirka kulfejn ikun meħtieġ u li jdaħħal u jonfoq flus u jiffirma dokumenti f'isem "Il-Qawmien Malti".